MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 2/2010

**Teresa Jayne Davison**

**vs**

**Yun Cucciardi**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' April, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-25 ta' Frar, 2009 fejn ir-rikorrent talbet danni ta' disa' mija, hamsa u erbghin ewro, disgha u disghin centezmi (€945.99) rapprezentanti spejjez sofferti minnha wara 'facial treatment'.

L-intimatipprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrent li hija l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda tal-intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrent issottomettjiet bil-miktub illi fl-14 ta' Novembru, 2008 fil-11.00am hija ghamlet 'facial treatment' ghand l-intimata. Hija temmen illi xi prodott li wzat il-'beauty therapist' dahal f’ghajnejha u kkawzalha hsara serja fil-hbub ta' ghajneha li rrizulta f’vizjoni mcajpra, ugiegh esagerat, u visti kontinwi fl-isptar.

Ir-rikorrent issottomettiet ukoll bil-miktub illi hija temmen li t-terapista hija responsabbli ghall-korriment taghha u ghad-dieqa li garrbet hi u l-familjari taghha fix-xahar ta' wara ghaliex il-hsara li sofriet hi setghet ghamietha.

L-intimata ssottomettiet bil-miktub illi primarjament hija qieghda tecepixxi l-inkompetenza 'rationae materiae' ta' dan it-Tribunal stante li l-azzjoni proposta mir-rikorrent hija azzjoni ghad-danni ghal griehi gravi u li minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatti kif proposti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, salv eccezzjonijiet ohra.

It-Tribunal ezamina d-dokumenti esibiti.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal, wara li kkonsidra hawn fuq, u wara li ra illi:-

waqt spezzjoni ghall-gharrieda fl-istabbiliment ta’ l-intimata rrizulta li ma kien hemm ebda prodott

differenti minn dawk li normalment jigu wzati minn kull 'beautician' li topera f’Malta;

kieku l-intimata applikat xi taqtir ta' 'hydrogen peroxide' f’ghajnejn ir-rikorrent dan kien ikollu rizultat negattiv immedjat bi hruq esagerat f’ghajnejn ir-rikorrent;

ir-rikorrent lmentat dwar hruq f’ghajnejha tliet sieghat wara li hi telqet mill-istabbiliment tal-intimata u waqt dan il-perijodu ta' hin tezisti l-possibilta' illi l-istess rikorrent setghet uzat xi prodott ma’ wiccha u/jew vicin ta' ghajnejha u li dan il-prodott seta’ halla r-rizultat negattiv illi dwaru lmentat ir-rikorrent;

illi minkejja li r-rikorrent allegat li l-intimata setghet uzat bi zball qtar ta' 'hydrogen peroxide' go ghajnejha, hi ma rrikorriet ghal ebda ghanjuna medika u anqas marret l-isptar Mater Dei qabel ma kienu ghaddew mill-anqas erbgha u ghoxrin (24) siegha minn x'hin hi telqet mill-istabbiliment tal-intimata;

ir-rikorrent ibbazata l-ilment taghha fuq dak li allegatament seta’ gara izda mhux fuq dak illi fil-fatt gara;

illi jezistu dubji f’mohh it-Tribunal kif sar il-hruq f’ghajnejn ir-rikorrent u li ma giex ippruvat;

u ghalhekk jichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.”

Id-denunzja tar-rikorrenti fil-konfront ta’ din is-sentenza hi arginata fuq zewg livelli:-

1. Il-wahda procedurali, fis-sens illi t-Tribunal sema’ b’mod informali lill-partijiet minghajr ma gie moghti lilhom il-gurament, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 23 (2) (f) tal-Kapitolu 378;

2. L-ohra sostantiva, fis-sens illi t-Tribunal injora jew skarta certi provi dokumentali in atti;

Kif jinzel mill-inkartament tal-kaz, it-*thema probandum*, ossija l-oggett tal-prova li t-Tribunal kellu quddiemu kien dak jekk, kif allegat mill-appellanti, id-danni sofferti f'ghajnejha kellhomx dak in-ness kawzali mal-*facial treatment* prestat lilha mill-appellata. Fuq kollox, jekk skond il-principju regolanti l-piz tal-prova l-appellanti rnexxielhiex issostni l-fatti principali allegati, hekk rilevanti ghall-fini tad-decizjoni tal-kawza;

Fil-qaghdiet ordinarji nghad bosta drabi mill-Qrati taghna illi l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji hija materja li tirrientra fil-kompitu tat-Tribunal adit in kwantu kien dan li kellu jasal ghal dak il-konvinciment bazat fuq dawk il-provi li hu jirritjeni l-aktar attendibbli ghall-formazzjoni ta' dak l-istess konvinciment. Fl-istess waqt gie ritenut ukoll illi gjaladarba l-appell hu mezz li bih wahda mill-partijiet litigandi iggib ghad-diskussjoni, fil-konfront tal-parti l-ohra, l-oggett tal-provvediment impunjat, din il-Qorti ta' revizjoni ghandha almenu jkollha l-opportunita` li, fuq l-istregwa ta' dawk l-istess provi, tikkontrolla l-kriterju logiku segwit mit-Tribunal u, l-aktar, jekk il-valutazzjoni hekk maghmula minn dak l-istess Tribunal, tirrizultax hekk logika u koerenti ma' l-elementi tal-provi utilizzati. Wisq ragonevolment, ghall-ezercizzju bhal dan il-Qorti trid issib fl-atti l-kwadru komplet tal-provi li l-partijiet ikunu adducew quddiem it-Tribunal. Fil-kaz partikolari dan hu ta' l-akbar rilevanza in kwantu l-Qorti jkollha tistharreg jekk it-Tribunal verament iddeterminax il-kwestjoni quddiemu "skond kull meritu u gustizzja sostantiva tal-kaz, u skond l-ekwita`" [Artiokolu 21 (1), Kapitolu 378], u, ukoll jekk d-decizjoni tkunx illediet d-dettami tal-gustizzja naturali u l-azzjoni tkunx ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella [Artikolu 22 (2) ta' l-istess Kapitolu];

Billi l-prezenti decizjoni hi wahda fost l-ahhar serje ta' sentenzi li qeghdin jigu pronunzjati minn din il-Qorti kif presjeduta, il-Qorti thossha fi dmir li tirrepeti *pro memoria* illi f'kazijiet ta' din ix-xorta fejn tintervjeni mizura mhux indifferenti ta' diskrezzjonalita` illi, ghalkemm hu veru li l-gudikant ghandu jhares lejn il-gustizzja sostanzjali, anzikke ghar-rigida norma tal-ligi, b'danakollu l-arbitriju diskrezzjonali m'ghandu qatt jikkonfliggi mal-ligi u addizzjonalment, li ma jivvjolax in-normi pozittivi tal-gustizzja;

Maghmula din l-introduzzjoni, il-kwestjoni principali bl-ewwel motiv ta' aggravju hi dik li t-Tribunal naqas li jirrispetta r-regola prefissa mill-Artikolu 23 (2) (f) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, ossija dik li "ghandu jizgura li x-xhieda quddiemu ghandha f'kull kaz tinghata bil-gurament". L-appellanti tinsinwa illi sew hi, kif ukoll il-kontroparti, issottomettew il-versjoni taghhom tal-fatti, pero imbaghad x-xhieda taghhom ma gietx hekk provvduta bil-gurament;

Din il-Qorti ma teskludix li hekk effettivament gara f'dan il-kaz, anke jekk il-verbali ma huma ta' ebda ghajnuna f'dan il-kuntest. Dan qed jigi sottolinejat ghaliex fuq l-esperjenza taghha minn ezami tal-bosta kazijiet li gew quddiemha minghand dan it-Tribunal, l-inkartament relattiv kien ghal kollox, u dejjem, mankanti minn traskrizzjonijiet tax-xhieda tant li din il-Qorti kien ikollha l-kompitu ardwu li, sa fejn permissibbli, issalva dak li hu salvabbli, kultant bir-rikorrenza ghad-dispost generali tas-subinciz (3) ta' l-istess Artikolu 23 li jipprovdi li "ebda procediment quddiem tribunal ma jkun invalidu f'nuqqas ta' tharis ta' xi formalita` sakemm wiehed ikun mexa b'mod konformi kemm jista' jkun mar-regoli";

Eppure, imbaghad, din il-Qorti lanqas ma naqset milli tikkastiga lit-Tribunal fuq diversi aspetti li, fil-fehma taghha, ma kienux jaghmlu gieh lil dik l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja mal-partijiet. In partikolari, l-uzu da parti

tat-Tribunal ta’ l-istess modulu ciklostilat tad-decizjonijiet tieghu. Mhux lanqas ukoll, l-assenza tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda ghall-ahjar kontroll tal-mertu tal-gudizzju mill-ottika ta’ l-osservanza tal-principju tas-smigh xieraq, jew tar-razzjonalita`, kemm ta’ fatt kif ukoll ta’ dritt, ta’ dak l-istess gudizzju, u jekk dan kienx jippekka minn gustizzja sostantiva jew tad-dritt ekwitativ. Ara b’ezemplari “**Vincenzo Farrugia Spiteri -vs- George Cortis**”, Appell Inferjuri, 24 ta’ April, 2009 u s-sentenzi f’din kompendjati. Nonostante din il-kritika tal-*modus operandi* tat-Tribunal, sfortunatament dan baqa’ jsegwi l-atti quddiemu bl-istess mod kif dejjem mexa. Huwa veru illi skond l-Artikolu 23 (1) “l-arbitru jirregola l-procedimenti quddiem tribunal bil-mod li jahseb li jkun l-aktar xieraq ghall-finijiet li tintaghmel gustizzja, skond id-dettami tal-gustizzja naturali”, imma, imbaghad, wiehed kellu jistenna illi ghall-anqas dawk ir-regoli traccjati mill-istess ligi, fosthom s-subpara. (f) ta’ l-Artikolu 23 (2) fuq riportat, kellhom u messhom, anke jekk fil-minimu, jigu segwiti. Jekk xejn, biex il-partijiet ikollhom is-sodisfazzjoni pjen li l-principju ta’ gustizzja naturali, kif imfisser u amplifikat fis-sentenza ta’ din il-Qorti in re: “**Mary Zarb -vs- Emma Azzopardi *nomine***”, 28 ta’ Marzu, 2007, ikun tabilhaqq qed jigi tutelat;

Proprju sa recentement hafna din il-Qorti kellha okkazjoni tikkummenta illi “l-htiega li x-xhieda mismugha tkun wahda guramentata kienet regola fondamentali ta’ importanza massima, anke ghaliex il-kwestjoni bejn il-kontentendi kienet sostanzjalment wahda li tiddependi mill-valur u l-kredibilita` li tinghata lix-xhieda ta’ l-istess partijiet, gjaladarba d-dokumenti in atti setghu jsostnu t-tezi l-wahda jew l-ohra”. Ara “**Agnes Mattocks *et* -vs- K.N.K.**”, 23 ta’ Ottubru, 2009. Ugwlament, il-fattispeci tal-kaz prezenti kellhom jissuggerixxu lit-Tribunal illi jhares din ir-regola in vista tal-fatt illi kif jinzel mill-ittra tas-27 ta’ Marzu 2009 tal-Public Health Regulation Division tabilhaqq l-appellanti fl-istess jum li ssottomettiet ruhha ghal *facial treatment* ilmentat mill-ewwel dwar ugigh f’ghajnejha ghal liema, skond ma jinghad fl-istess ittra, l-appellata stqarret illi “*she washed them with eye drops from a blue bottle*”. Indiskutibilment, fil-presenza ta’ din l-istqarrija

dokumentata, it-Tribunal kien messu ttraskriva x-xhieda tal-partijiet guramentata quddiemu biex hu seta' jkun fi grad ahjar li jwiezen is-sostanza taghhom fl-ambitu tal-provi l-ohra dokumentali attendibbli, u li dwarhom ikollu jizdied li ma gewx lanqas ezaminati kif imiss.

Ghal motivi predetti, bl-akkoljiment ta' l-ewwel aggravju din il-Qorti qeghda tannulla s-sentenza appellata. Fit-termini ta' l-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 378 il-kawza qed tigi differita ghad-29 ta' Ottubru, 2010 ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-kawza skond il-ligi, b'dan li fil-frattemp, il-Qorti qeghda tinnomina lill-Assistent Gudizzjarju Dottoressa Anna Caruana biex tisma' x-xhieda guramentata tal-partijiet. L-ispejjez jibqghu rizervati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------